# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
## (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-21 TA' NOVEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 1K**

**Rik. Kost. 1/2020 RGM**

**Josephine Azzopardi**
**Anna Maria Saddemi**
**Patricia Anastasi**
**Greta Bartolo Parnis**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2020 ir-rikorrenti fissru u talbu s-segwenti:

    1. "Illi permezz tal-kawza fl-ismijiet '**Avukat Edgar Mizzi bhala Kummissarju tal-Art et. v. Perit Joseph Barbara et**' (Rik. Nru. 20/1965GMG) intavolata fit-22 ta' Mejju, 1965 il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet kien qed jigi adit sabiex l-istess Bord «*joghgbu jordna it-trasferiment da parti ta' l-intimat a favur ta' l-esponent nomine b'titolu ta' xiri assolut tal-bicca art fil-limiti tal-Gzira u ta' Birkirkara fuq ahjar deskritta, jiffissa l-kumpens relattiv u jaghti l-provvedimenti kollha mehtiega skond id-disposizjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kapitlu 136).*"

    2. Illi permezz tad-decizjoni datata 19 ta' Novembru, 2014, u cioe` ben disgha u erbghin (49) sena wara li gie intavolat ir-rikors surreferit, il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet iddecieda dan il-kaz billi laqa' t-talba tar-rikorrenti u ddikjara l-art in mertu bhala wahda agrikola, filwaqt li ffissa l-kumpens dovut lill-intimati fil-valur ta' elfejn sitt mija u ghoxrin euro u erbgha u hamsin centezmu (€2,620.54), oltre l-imghax spettanti lill-intimati skond l-artikolu 12(3) tal-Kap 88. Il-Bord ordna wkoll lill-intimati jitrasferixxu l-art kif deskritta lir-rikorrenti b'titolu ta' xiri assolut, liberu u frank bl-ispejjez jinqasmu bejn il-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita` kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

    3. Illi l-esponenti kienu appellaw minn tali decizjoni u, fil-fatt, il-kawza surreferita giet finalment deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza fl-istess ismijiet surreferiti datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, elfejn u dsatax (2019) billi, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, irriformat is-sentenza appellata billi hassritha fejn illikwidat il-kumpens fis-somma ta' €2,620.54 u, minflok, illikwidat kumpens fis-somma ta' €10,770 u kkonferma s-sentenza fil-bqija.

4. Illi ghaldaqstant il-process gudizzjarju surreferit ha ben erbgha u hamsin (54) sena sabiex gie konkluz, matul liema zmien sahansitra perijodu meta l-process relattiv safa' mitluf.

5. Illi, kif jinsab regolarment deciz mill-Onor. Qorti Kostituzzjonali id-dmir ewlieni li tmexxi l-kawżi b'ħeffa u effiċjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet, jaqa' fuq il-Qrati Taghna, dana oltre d-dmir tal-awtorità pubblika li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex l–istess Qrati jkunu jistghu iwettqu d-dmir tagħhom.

6. Illi hekk ukoll l-Onorabbli Qorti ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, f'kaz simili ghal dak in ezami fejn, wara esproprju li sehh fis-sena 1974, is-sid kien ghadu ma rceviex il-kumpens gust spettanti lilu sas-sena 2014 wara proceduri inizjati fl-2004, provdiet li: "*even though that process might have been rendered more intricate by the number of parties involved, that alone cannot justify a ten-year delay. (…) Lastly, even though the applicant may have been responsible for some of the delay in the proceedings before the LAB, the Court reiterates that the judicial authorities remain ultimately responsible for the conduct of proceedings before them and ought to weigh up the advantages of continued adjournments against the requirement of promptness.*" (**CASE OF AZZOPARDI v. MALTA (Application no. 28177/12)** deciz fis-6 ta' Frar, 2015).

7. Illi kif jirrizulta gja mis-surreferit u kif ser jirrizulta ahjar matul it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, huwa car li l-Istat Malti naqas fil-konfront tal-esponenti u l-awturi taghhom proprju billi ma rax li jigi zgurat fil-konfront taghhom ukoll fil-proceduri surreferiti l-adempiment mad-dmir tieghu li l-esponenti jkollhom smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif surreferit.

8. Illi perdipiu` fil-kaz partikulari tal-esponenti, oltre ghad-dewmien lampanti fil-proceduri taghhom, il-pregudizzju soffert minnhom jinsab kostitwit ukoll mill-fatt li, ukoll minhabba tali dewmien, huma baqghu ma rcivewx kumpens gust ghat-tehid tal-proprjeta` taghhom ukoll in vista ta' emendi sussegwenti ghall-intavolat tar-rikors surreferit u liema emendi kellhom effett retrospettiv ukoll fuq il-procedura hekk pendenti.

9. Illi, b'mod partikolari, jinghad li permezz tal-**Att XVII tal-2004** gie emendat l-art. 25(1) tal-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici** (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) liema artikolu gie jipprovdi li, a tenur tal-art. 4(2) tal-istess **Att XVII tal-2004** surreferit, retrospettivament u kwindi b'applikazzjoni wkoll ghal proceduri li sa dak il-waqt kienu ghadhom pendenti,: « *l-ammont ta' kumpens li jiġi determinat mill-Bord skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (e) m'għandux jeċċedi l-ogħla ammont ta' kumpens li jkun ġie propost minn xi waħda mill-partijiet.* ».

10. Illi tali limitazzjoni fil-kumpens lanqas ma giet rimedjata fil-kaz in ezami permezz tal-art. 18A tal-istess Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta kif mizjud bl-**Att I tal-2006** u dana ghaliex, ghalkemm tali artikolu kien jipprovdi ghall-valutazzjoni tal-art mehuda avut rigward ghad-data tal-1 ta' Jannar, 2005, gie deciz, ukoll permezz tas-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell datata 28 ta' Gunju, 2019, li tali disposizzjoni m'hijiex applikabbli ghall-kaz tal-esponenti peress illi l-Avviz ghall-Ftehim kien hareg qabel id-data msemmija tal-1 ta' Jannar, 2005.

11. Illi l-awtur tal-esponenti kien sahansitra ghamel tentattiv sabiex jottjeni s-sostituzzjoni tal-Avviz tal-Ftehim mahrug fl-1965 imma din it-talba wkoll giet michuda permezz ta' sentenza moghtija mill-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet datata 3 ta' Marzu, 2011, liema sentenza giet ukoll konfermata mill-Onor. Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza sopracitata datata 28 ta' Gunju, 2019.

12. Illi l-Onorabbli Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem diga` kellha okkazzjoni li tikkummenta dwar l-applikazzjoni retrospettiva ta' tali disposizzjonijiet legali *multo magis* fil-kuntest ta' proceduri li jiehdu zmien twil u f'dan ir-rigward gustament iddeterminat li f'tali cirkustanzi huwa car li anke fil-kaz in ezami ma jintlahaqx il-bilanc necessarju bejn il-margini ta' diskrezzjoni mholli lill-Istat u d-dritt fundamentali tas-sid ghall-harsien tal-proprjeta` tieghu (f'dan is-sens id-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Deguara Caruana Gatto et. v. Malta** datata disgha (9) t' Ottubru, elfejn u tlettax (2013)).

13. Illi l-esponenti, ben konsapevoli tas-surreferit anke matul il-kors tal-proceduri surreferiti talbu, permezz tar-rikors opportun fil-proceduri taghhom kif pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell li, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, dik l-Onorabbli Qorti tibgħat l-atti odjerni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex din tgħid jekk, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, bil-fatti hawn fuq riportati hemmx ksur tal-jeddijiet tal-atturi kif imharsa taht l-art. 37 u/jew 39 tal-**Kostituzzjoni ta' Malta**, l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u/jew l-art. 6 tal-**Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** kif rezi ezegwibbli mill-**Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja** (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

14. Illi madanakollu, permezz tad-decizjoni taghha wkoll datata 28 ta' Gunju, 2019 fl-atti tal-kawza taghhom, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet tali talba ghar-referenza kostituzzjonali billi cahdet l-istess bla hsara ghall-jedd tal-esponenti li jfittxu rimedji quddiem il-qorti kompetenti jekk ikun il-kaz, kif fil-fatt qeghdin jaghmlu issa permezz tal-kawza odjerna.

15. Illi ghaldaqstant huwa car li, tenut kont tas-surreferit, gew lezi id-drittijiet fundamentali tal-esponenti kemm ghall-harsien mill-privazzjoni tal-proprjeta` taghhom minghajr kumpens xieraq u/jew kif ukoll ghas-smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif rispettivament sanciti permezz tal-art. 37 u/jew 39 tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u kif ukoll l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u/jew l-art 6 tal-**Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** kif rezi ezegwibbli mill-**Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja** (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u/jew opportuni, in vista tal-premessi:

(i) Tiddikjara li, bil-fatti hawn esposti, gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghall-proprjeta` taghhom kif protetti kemm mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u kif ukoll mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament,
(ii) Tiddikjara li, ukoll bil-fatti hawn esposti, gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif

protetti kemm mill-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u kif ukoll mill-art. 39 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement

(iii) Taghti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi bhala rimedju ghas-surreferit inkluz billi tillikwida u tordna l-hlas ta' dak il-kumpens jew *just satisfaction* dovut mill-Istat Malti, inkluzi d-danni kollha sofferti mill-esponenti bhala konsegwenza tal-fatti kollha surreferit jekk ikun il-kaz u taghti kull ordni u rimedju iehor xieraq jew opportun biex tigi spurgata il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom hawn lamentata u dana referibilment ghal kull lezjoni determinata.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura u wkoll tal-ittra ufficjali interpellatorja kontra l-istess intimati jew min minnhom minn issa ngunti in subizzjoni."

2. Rat li b'risposta tal-11 ta' Frar 2020 l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat skont l-Avviż Legali 329 tal-2019, ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jridu jġibu prova tat-titolu tagħhom fuq l-art mertu tal-każ odjern. F'dan ir-rigward għandhom ukoll jindikaw id-data preċiża ta' meta saru sidien tal-fond għaliex l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom jista' jiġi kkunsidrat mid-data ta' meta saru s-sidien tal-fond mertu ta' dan il-każ u mhux qabel;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, l-esponent jara li fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

*Għal dak li jirrigwarda nuqqas ta' smigħ xieraq - artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

3. Illi sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, iridu jitqiesu t-tliet fatturi li ġejjin: il-komplessita' tal-każ; l-imġieba tal-Qorti u l-imġieba ta' min ikun qed jagħmel l-ilment. Iżda kif ġie mgħallem tajjeb fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Ġunju 2003):

"*S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli*."

4. Illi f'kull każ u bla ħsara għall-fatt li l-proċeduri preżenti mhumiex ta' culpa akwiljana jew kawża għad-danni, *dato ma non concesso* kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli, ir-rikorrenti jridu jġibu <u>prova tajba tal-allegati konsegwenzi li allegatament ġarrbu</u> u li, kif allegat minnhom, <u>dawn kienu konsegwenza diretta tal-allegat dewmien</u> fil-proċeduri li qed jinsabu taħt skrutinju;

*Għal dak li jirrigwarda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti għall-ħarsien mill-privazzjoni tal-proprjetà kif imħarsa taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea*

5. Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli għall-każ odjern peress li l-liġi li bis-saħħa tagħha l-Gvern ħa f'idejh il-proprjetà in kwistjoni, ċjoè l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skop Pubbliku (Kap.88), kienet diġà fis-seħħ qabel id-data tat-3 ta' Marzu 1962 u għalhekk fid-dawl tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, din l-Ordinanza hija eżenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu preċitat. L-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi testwalment li:

"*Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)...*";

6. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, *dato ma non concesso* li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fil-fatt japplika, xorta waħda ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

7. Illi l-esponenti jirrileva li skont il-*proviso* tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet

li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali. Anki skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu, l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali;

8. Illi r-rikorrenti ma jistgħux iqisu lil din l-Onorabbli Qorti bħala Qorti tat-Tielet Istanza jew qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet li diġà ttieħdu. Fil-fatt, illum il-ġurnata l-kumpens diġà ġie stabbilit mill-Bord tal-Arbitraġġ u kkonfermat anki mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) u kwindi dak huwa l-kumpens xieraq li huma ntitolati għalih ir-rikorrenti. Tajjeb ninnutaw ukoll li tali kumpens huwa ferm iktar mill-kumpens li kien offra l-Kummissarju tal-Artijiet;

9. Tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti mhux qed jikkontestaw l-għan għal dan l-esproprju, huwa mgħallem li meta jkun hemm għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, il-kumpens xieraq u adegwat ma għandux ikun il-valur kummerċjali tal-proprjetà. Barra minn hekk, għal dak li jirrigwarda kumpens, ħarsitna għandha dejjem tinżamm lejn il-mument tal-espropriju għaliex dak huwa ż-żmien relevanti għall-każ tagħna;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."

3. Rat ukoll ir-risposta tal-Awtorità tal-Artijiet ippreżentata fit-12 ta' Frar 2020 fejn eċċepiet:

"1. Illi preliminarjament, ir-rikors u talbiet attrici jittrattaw id-dewmien fil-process gudizzjarju u li ghalih ma tistax legalment tirrispondi ghalih l-Awtorita' esponenti. Isegwi illi l-Awtorita' esponenti ma hix il-legittimu kontradittur u ghandha tinheles mill-osservanza tal-guddizju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba li tittratta l-allegat lezjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa intrinsikament marbut mad-dewmien tal-proceduri u ghalhekk din it-talba ma tistax tirnexxi kontra l-Awtorita' eccipjenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni talba attrici tittratta l-allegat ksur ta' smigh xierq fi zmien ragjonevoli illi ma tistax tirrispondi ghalik l-Awtorita' eccipjenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tielet talba attrici ma tistax tkun indirizzata kontra l-Awtorita' eccipjenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma sehhet l-ebda lezjoni ta' drittijiet fundamentali;

6. Salv eccezzjoni ulterjuri inkluz ir-rizerva li tintalab il-kjamat tal-ministeru koncernat;

7. Bl-ispejjez."

4. Rat l-atti kollha tal-kawża flimkien mal-provi.

5. Rat li l-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-allegazzjoni tal-atti tal-kawża deċiża mill-Bord tal-Arbitratt (20/1965) intavolata fit-22 ta' Mejju 1965 u deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju 2019.

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fis-17 ta' Marzu 2023[1] u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet ippreżentata fit-18 t'April 2023[2].[3]

7. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

---

[1] Fol 308 et seq tal-proċess.

[2] Fol 331 et seq tal-proċess.

[3] L-Avukat tal-Istat ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet.

**Fatti**

8. Fl-1 ta' Awissu 1961, il-Gvernatur ħareġ dikjarazzjoni li biċċa art fil-limiti tal-Gżira u ta' Birkirkara, tal-kejl ta' disat itmiem, siegħ u ħames kejliet raba, tmiss mal-majjistral u mit-tramuntana ma' proprjetà tal-War Department, mil-lvant ma' sqaq privat u min-nofsinhar ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara, kienet meħtieġa għal skop pubbliku u li l-akkwist tagħha għandu jsir b'xiri assolut.

9. Permezz ta' ittra uffiċjali datata 2 ta' April, 1965, ippreżentata quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, il-Kummissarju tal-Artijiet għarraf lill-Perit Joseph Barbara li permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur kien qieghed jakkwista b'titolu ta' xiri assolut porzjon art tal-kejl ta' disat itmien, siegh u ħames kejliet fil-limiti tal-Gzira u ta' Birkirkara, li kienet meħtiega għal skop pubbliku. Fl-istess jum il-Kummissarju tal-Artijiet bagħat ukoll lill-Perit Barbara Avviż għall-Ftehim, li permezz tiegħu informah li huwa kien qieghed joffri li jhallsu <u>s-somma ta' seba' mija u erbghin lira (Lm740) ekwivalenti ghal €1,723.74</u>

10. Il-Perit Joseph Barbara informa lill-Kummissarju tal-Artijiet li ma kienx lest li jaċċetta l-kumpens offrut lilu u talab minflok il-kumpens <u>bir-rata ta' ċens perpetwu ta' disa' xelini u nofs għal kull qasba kwadra</u>, bħala indennizz ġust dovut lilu.

11. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet għadda sabiex jintavola rikors quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ tal-Artijiet fit-<u>22 ta' Mejju 1965</u>, li bih talab lill-istess Bord li jordna trasferiment tal-art in kwistjoni b'xiri assolut u jiffissa l-kumpens relattiv u jagħti l-provvedimenti meħtieġa skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88). B'risposta ppreżentata mill-attur fl-1 ta' Ġunju 1965, huwa talab li jithallas kumpens bir-rata fuq imsemmija u cioe' <u>bir-rata ta' ċens annwu u perpetwu ta' disa' xelini u nofs (9s/6d) għal kull qasba kwadra</u>,

12. Fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ, tqajmet kwistjoni dwar jekk Artikolu 25(1)(b) tal-Kapitolu 136, ('il quddiem Artikolu 27(1)(b) Kapitolu 88) kellux jinqara flimkien mal-Artikoli 16 u 17 tal-istess liġi. Wara li l-Bord iddeċieda li din il-materja teżorbita mill-kompetenza tiegħu, il-kawża quddiem il-Bord baqgħet differita *sine die* sabiex il-Perit Barbara jressaq il-proċeduri opportuni quddiem il-Qorti kompetenti.

13. Fl-14 ta’ Novembru, 1975, il-Perit Joseph Barbara intavola proċeduri quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (li jġibu referenza 1080/1975) fejn talab li jiġu definiti l-imsemmija kwistjonijiet. Il-kawża ġiet deċiża fit-12 ta’ Diċembru, 1989 li permezz tagħha l-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-Perit Barbara . Fit-8 ta’ Jananr, 1990 il-Perit Barbara intavola appell minn dik is-sentenza liema appell ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Jannar, 2007. Il-Qorti tal-Appell laqgħet parzjalment l-appell, u filwaqt li kkonfermat is-sentenza tal-prim’ istanza in kwantu caħdet l-ewwel, it-tielet u r-raba’ talbiet attriċi u astjeniet fir-rigward tat-tieni talba attriċi, laqgħet limitatament il-ħames talba tal-Perit Barbara u ddikjarat li anke jekk l-art tiegħu tiġi dikjarata bħala art agrikola jew art moxxa, xorta waħda l-kriterju għall-fissazzjoni tal-kumpens ikun dak stabbilit fl-Artikolu 25(1)(b) tal-Ordinanza, “mingħajr l-ebda limitazzjoni għall-potenzjalita’ tagħha b’mod li l-kumpens mogħti jkun indenniz ġust”[4].

14. Wara li ingħatat l-imsemmija sentenza l-Perit Joseph Barbara talab ir-riappuntament tar-rikors quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, iżda l-proċess ma setax jinstab u u għalhekk kellu jiġi rikostruwit.

15. Sussegwentement, is-suċċessuri fit-titolu tal-perit Joseph Barbara, ir-rikorrenti odjerni, ressqu rikors fl-24 ta’ Settembru, 2009 quddiem il-Bord fil-kawża riappuntata li permezz tiegħu sostnew li l-Avviż għall-Ftehim li sar fis-sena 1965 ma kienx aktar applikabbli u dan in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta’ Jannar 2007. Sostnew li l-istess Avviż għall-Ftehim ma kienx magħmul fil-parametri tal-liġi kif definiti mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza imsemmija. Għalhekk talbu li l-istess Avviż għall-Ftehim jiġi rtirat u li minflok jinħareġ Avviż għall-Ftehim ġdid konformi mad-deċiżjoni tal-Prim’ Awla tal-15 ta’ Jannar 2007 fuq imsemmija.

16. Permezz ta’ provvediment tat-3 ta’ Marzu 2011, il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet ċaħad it-talba sabiex ikun sostitwit l-Avviż għall-Ftehim tal-1965 ma’ wieħed ġdid.

17. Il-konvenuti f’dawk il-proċeduri għaddew sabeix ippreżentaw rapport tal-Perit Carmel Farrugia datat 17 ta’ Settembru 2011, li permezz tiegħu l-

[4] Fol. 115

imsemmija art ġiet stmata bil-valur fis-suq miftuħ ta' €62,362.38 relattivament għas-sena 1964 u €9,808,490.00 relattivament għas-sena 2005.

18. Il-periti tekniċi membri tal-Bord, wara li kkunsidraw id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, irrelataw li l-proprjetà tikkwalifika bħala art agrikola u li l-kumpens li għandu jitħallas għax-xiri ta' din il-proprjetà bħala libera u franka għandu jiġi ffissat fl-ammont ta' €10,770, tenut kont tal-valur tal-proprjetà fit-2 ta' April, 1965. Wara li saret l-eskussjoni tal-periti membri tal-Bord da parti tal-konvenuti f'dik il-proċedura, ġie kkonfermat li l-istima mogħtija minnhom saret wara li ħadu konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Jannar 2007 u qiesu li dan kien il-valur li l-art kienet iġġib kieku ġiet mibjugħa fis-suq volontarjament fiż-żmien relevanti, meħud in konsiderazzjoni kwalunkwe użu ieħor li seta' jsir minn din l-art fil-futur, inkluż il-possibilità ta' żvilupp edilizju.

19. Permezz tas-sentenza tad-19 ta' Novembru 2014, il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet, filwaqt li ddikjara li l-art in kwistjoni hija waħda agrikola, iffissa l-kumpens dovut lill-konvenuti f'dawk il-proċeduri fil-valur ta' €2,620.54, oltre l-imgħax spettanti lill-istess konvenuti skont l-Artikolu 12(3) tal-Kapitolu 88 u ordna lill-konvenuti f'dik il-kawża, ir-rikorrenti fil-kawża odjerna, jittrasferixxu l-art kif deskritta lill-Gvern b'titolu ta' xiri assolut, liberu u frank.

20. Sar appell mir-rikorrenti odjerni sew mill-provvediment tat-3 ta' Marzu 2011, kif ukoll mis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2014 u talbu li b'applikazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Jannar 2007, tirrevoka u tħassar l-imsemmija digriet u sentenza appellati u tgħaddi sabiex takkorda kumpens xieraq rappreżentanti indenniz ġust li jqiegħed lill-appellanti konvenuti f'sitwazzjoni *ante quo* l-esproprju meta missierhom kien sid dik l-art li fuqha nbniet parti mill-Università ta' Malta.

21. Il-Qorti tal-Appell fir-rigward tad-digriet tat-3 ta' Marzu 2011 qieset li dak li għamlet il-Qorti tal-Appell (numru ta' referenza 1080/1975) kien biss li tat direzzjoni lill-Bord dwar l-interpretazzjoni li kellu jingħata lill-provvedimenti tal-liġi , sabiex minkejja l-klassifikazzjoni dwar in-natura tal-art, bħala waħda rurali jew agrikola, xorta kellu jittieħed qies tal-potenzjal ta' żvilupp edilizju fuq l-istess art u dan kif jipprovdi l-Artikolu 27(1)(b) tal-Kapitolu 88. Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li ma kien hemm ebda nuqqas jew irragonevolezza fl-imsemmija deċiżjoni tal-Bord meta wara li tqis li Avviż ta' Ftehim maħruġ

skont il-liġi ma kienx ta' ostakolu għall-Bord sabiex jiddetermina n-natura tal-art u l-kumpens xieraq dovut skont il-liġi u għalhekk ċaħad it-talba li jkun sostitwit l-Avviż għall-Ftehim u kkonfermat id-deċiżjoni tat-3 ta' Marzu 2011.

22. Fir-rigward tal-appell prinċipali l-Qorti tal-Appell fissret li l-Bord kien marbut fid-deċiżjonijiet tiegħu li japplika l-liġi relattiva għall-esproprju tal-art għall-fatti tal-każ riżultanti quddiemu. Irritjena li l-Kapitolu 88 jistipula b'mod preċiż il-kriterji li għandu japplika l-Bord fid-determinazzjoni tan-natura tal-art espropriata u, bl-emendi li daħlu tul iż-żminijiet, id-dati li fuqhom għandhom ikunu bbażati l-valutazzjonijiet. B'sentenza tat-28 ta' Ġunju 2019 il-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza appellata billi ħassritha fejn il-Bord illikwida l-kumpens fis-somma ta' €2,620.54 u, minflok, stmat il-valur tal-art meta ttieħdet fis-somma ta' €10,770.

Ikkunsidrat

**Eċċezzjoni preliminari dwar it-titolu tar-rikorrenti**

23. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-rikorrenti għandhom iġibu l-prova tat-titolu tagħhom fuq l-art mertu tal-kawża kif ukoll li l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali jista' jiġi kkunsidrat mid-data ta' meta saru sidien tal-fond mertu tal-kawża u mhux qabel. Taħt din il-kappa l-Qorti sejra tqis l-ewwel parti ta' din l-eċċezzjoni u ċioe l-kwistjoni tat-titolu; it-tieni parti dwar min meta jibda meqjus l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali ser tiġi trattata aktar 'l quddiem f'din is-sentenza.

24. Fl-10 t'April 1959 quddiem in-Nutar Paul Pullicino ġie redatt kuntratt ta' bejgħ-u-xiri bejn Harold William Burridge in rappreżentanza tal-Air Ministry u l-Perit Joseph Barbara, fejn tal-aħħar aċċetta u xtara "*two adjacent plots of land situated at 'Tal-Krok' in the limits of Birkirkara, called 'Tal-Ħaġar" and also known as plots numbers two and four as shown coloured red on the annexed plan. The said plots of land have a total area of nine tumoli one siegħ and one kejla [...] The said plots of land are being sold and transferred as free and unencumbered and in consideration of the agreed freehold price of one thousand and fifty pounds (£1050)[...]*"[5]

[5] Fol 170 - 171 tal-proċess.

25. Sussegwentement il-Perit Joseph Barbara ġie notifikat bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali għall-esproprju ta' din l-art b'ittra uffiċċjali tat-2 t'April 1965. Jiġi wkoll osservat illi tul il-proċeduri kollha li ppreċedew il-kawża odjerna qatt ma tqajmet il-kwistjoni tat-titolu; dejjem ġie rikonoxxut bħala sid l-art il-Perit Barbara.

26. Sabiex ir-rikorrenti juru li llum il-ġurnata huma sid l-art, ippreżentaw it-testment tal-Perit Joseph Barbara tas-27 t'April 1982. Minn dan l-att jidher ċar li t-testatur flimkien ma' martu kienu nnominaw bħala eredi universali tagħhom lill-uliedhom ir-rikorrenti. Filwaqt li ommhom mietet fil-21 ta' Ġunju 2006, miċ-ċertifikat tal-mewt ippreżentat ukoll mal-affidavit tar-rikorrenti Azzopardi jirriżulta li missierhom miet fil-5 t'April 2009. Mill-kuntratt ta' bejgħ li sar fl-20 ta' Mejju 2021 quddiem in-Nutar Renee Debono bejn ir-rikorrenti u l-Awtorità tal-Artijiet jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* relattivi saru fl-atti tan-Nutar Michael Galea fis-17 ta' Settembru 2020.

27. Fid-dawl ta' dawn il-provi ampji, il-Qorti hija sodisfatta mit-titolu tar-rikorrenti u tal-ante kawża tagħhom fuq l-art mertu tal-kawża fiż-żmien rilevanti u għaldaqstant tgħaddi sabiex tiċħad din il-parti tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat

**Leġittimu Kontraditur**

28. L-Awtorità tal-Artijiet eċċepiet li hija m'hijiex il-leġittimu kontraditur f'din il-kawża u dan stante li hija m'attribwitx għad-dewmien u lanqas hija responsabbli għall-istess dewmien. Fissret ukoll li lanqas m'hija responsabbli għad-dewmien sabiex sar il-ħlas tal-kumpens.

29. B'din l-azzjoni ir-rikorrenti qed jilmentaw ksur ta' drittijiet fundamentali kemm minħabba applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali tal-Kapitolu 88 kif ukoll minħabba dewmien mhux biss tal-Kummissarju, kif issa rappreżentat mill-Awtorità, sabiex jagħmel il-ħlas tal-kumpens iżda wkoll tal-Bord innifsu fl-istess proċeduri. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li bl-emendi introdotti bl-Att XVII tal-2004 b'effett retroattiv ġew leżi d-drittijiet tagħhom.

30. Din il-Qorti, filwaqt li taqbel mal-Awtorità tal-Artijiet li m'hijiex il-leġittimu kontraditur fir-rigward tal-allegat dewmien fil-proċeduri ġudizzjarju u lanqas ma tirrispondi għall-ilment fir-rigward tal-emendi introdotti bl-Att XVII tal-2004, l-Awtorità tal-Artijiet hija leġittimu kontradittur quddiem l-ilment dwar dewmien sabiex sar il-ħlas tal-kumpens kif ukoll dwar l-ilment li r-rikorrenti ġew imċaħħda mill-possedimenti tagħhom mingħajr kumpens ġust. Għaldaqstant il-Qorti tqis li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula l-Awtorità tal-Artijiet hija fis-sens spjegat leġittimu kontradittur u għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

**Allegat leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**

31. **Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** jiggarantixxi l-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens. L-imsemmi artikolu jipprovdi li

> "(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –
>
> (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;
> (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u
> (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:
>
> Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed

pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk."

32. Qabel tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar dan l-ilment il-Qorti sejra tikkonsidra il-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat fejn eċċepixxa li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli għal każ odjern peress li l-liġi li bis-saħħa tagħha l-Gvern ħa f'idejh il-proprjetà in kwistjoni, ċioe l-Kapitolu 88, kienet diġà fis-seħħ qabel id-data tat-3 ta' Marzu 1962 u għalhekk għandu japplika l-**Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni**. Dan is-sub-artikolu jaqra hekk:

"Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma –

(a) iżżidx max-xorta ta' proprjetà li jista' jittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;
(b) iżżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista' jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;
(ċ) tagħmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens jew l-ammont tiegħu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew
(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (ċ) tal-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni."

33. Din il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-teħid seħħ tal-possedimenti tar-rikorrenti seħħ bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88, Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, liema liġi kienet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962.

34. Jidher li din l-eċċezzjoni hi fondata nonostante li l-ilment tar-rikorrenti msejjes fuq Artikolu 37 jinkludi wkoll allegat leżjoni b'emendi li saru lill-Kap. 88 fis-sena 2004 bis-saħħa tal-Att XVII tal-2004. Huwa għalhekk meħtieġ li naraw jekk l-emenda bl-Att XVII tal-2004 hiex applikabbli għall-każ odjern u biss f'każ

affermattiv naraw jekk tali emenda taqax f'xi waħda miċ-ċirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 47 (9)..

35. **<u>Bl-Att XVII tal-2004,</u>** ġiet emendata l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) billi wara l-ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 25 ġie introdott is-segwenti *proviso*:

> **"Iżda l-ammont ta' kumpens li jiġi determinat mill-Bord skond il-provvedimenti tal-paragrafu (e) ta' dan is-subartikolu m'għandux jeċċedi l-ogħla ammont ta' kumpens li jkun ġie propost minn xi waħda mill-partijiet."**

36. **Artikolu 4(2)** tal-istess Att jipprovdi dispożizzjoni tranżitorja li tgħid illi: *"Il-provvedimenti ta' l-artikoli 25 u 31 kif emendati b'dan l-artikolu japplikaw għall-proċeduri kollha anke dawk dwar art li fuqha hemm Dikjarazzjoni maħruġa taħt l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza li tkun saret qabel ma jidħol fis-seħħ dan l-artikolu."*

37. Ir-rikorrenti jilmentaw li bid-dħul fis-seħħ tal-emenda għall-Kap 88 bl-Att XVII tal-2004 b'applikazzjoni retroattiva, l-jedd tagħhom sanċit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ġie leż. Jgħidu hekk fit-tmien premessa tagħhom fir-rikors promotur: ".... huma baqgħu ma rcivews kumpens gust ghat-tehid tal-proprjeta' taghhom ukoll in vista ta' emendi sussegwenti ghall-intavolar tar-rikors surreferit u liema emendi kellhom effett retrspettiv ukoll fuq il-proċeduri hekk pendenti."

38. L-applikabbilità o meno tal-Artikolu 47 (9) għall-emenda introdotta bl-Att XVII tal-2004 ġew meqjusa minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet vs. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et** deċiża fis-27 ta' Novembru 2008 fejn osservat li:

> "jirrizulta li l-artikolu 47 (9) isalva l-ligijiet li kienu fis-sehh qabel Marzu 1962, izda mhux dawk li jigu emendati wara dik id-data kemm il-darba l-istess emendi inter alia jaffetwaw id-dritt jew l-ammont ta' kumpens li kien dovut u f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-istess emenda tas-sena 2004 qed tillimita l-kumpens xieraq li altrimenti kien dovut kieku ma kienx hemm l-istess emenda, tant li l-kumpens qabel kien dak skond il-

valur tal-proprjeta' fis-suq stabbilit bi stima ta' periti kif indikat fl-istess Ligi, mentri llum din hija limitata b'dan li ma tistax teccedi l-ghola wiehed mill-valur tal-proprjeta' suggerit mill-partijiet."

Fl-appell li sar minn dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Settembru 2010 ma trattatx jekk l-Artikolu 47 (9) huwiex applikabbli però relevanti għall-każ odjern huwa dak li ġie osservat dwar l-emenda: *"l-emenda in kwistjoni tikkostitwixxi fir-realta` imposizzjoni ta' limitazzjoni <u>ohra</u> fuq l-ammont ta' kumpens li l-Bord jista' jillikwida favur is-sid intimat."* (sottolinear tal-Qorti Kostituzzjonali).

39. Għalhekk qabel jiġi deċiż jekk ir-rikorrenti jistgħux jinvokaw Artikolu 37 jeħtieġ qabel xejn naraw jekk ir-rikorrenti u l-ante kawża tagħhom kellhomx aspettativa leġittima li ġiet menomata bl-introduzzjoni tal-imsemmi proviso bl-Att XVII tal-2004.

40. Il-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza **John Caruana et. v. Kummissarju tal-Artijiet** mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2014 iċċitat b'approvazzjoni s-sentenza **Peter Azzopardi noe v. Kummissarju tal-Artijiet** et mogħtija fil-11 ta' Novembru 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ġie ritenut li:

> "Ir-rikorrent appellat ma setghax javvanza pretensjonijiet kostituzzjonali a bazi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-esproprijazzjoni saret bi thaddim tad-dispozizzjoni tal-Kapitolu 88 li ilu fis-sehh minn hafna snin qabel it-3 ta' Marzu 1962 u ghalhekk it-taddim ta' dik il-ligi huwa mhares bl-Artikolu 47[9] milli jikser l-Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni......... ma hemmx dubju li l-Kap.88 gie emendat wara din id-data, izda r-rikorrenti f' ebda hin ma ndikaw xi emenda li b'xi mod taqa' taht xi wiehed mill-paragrafi a sa d tal-Artikolu 47 [9]. Ghalhekk l-unika konkluzjoni li wiehed jista' jasal ghaliha hija li d-dispozizzjonijet talKap.88 li tahtu saret l-ordni tal-esproprijazzjoni de quo huma salvati bl-Artikolu 49 [9] milli jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. [para.31]

41. Fis-sentenza il-**Kummissarju tal-Artijiet vs. Frank Calleja et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Settembru, 2010 inżamm illi:

> "Jirrizulta li din l-emenda giet introdotta mill-legislatur sabiex iwaqqaf lill-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet mill-prattika li kien beda f'dawk iz-

zminijiet li jiffissa kumpens oghla minn dak li l-istess sid intimat ikun talab ghall-esproprjazzjoni, u ma liema prattika il-legislatur ma kienx jaqbel. F'dan is-sens, din l-emenda hija wahda ragonevoli, ghaliex meta sid l-art jiddikjara l-kumpens li jkun qed jippretendi in kontrakambju ghall-esproprju, fil-verita` huwa jkun qieghed jiddikjara l-ammont li huwa stess iqis bhala kumpens xieraq ghat-tehid ta' l-art. Jista ghalhekk jigi validament argumentat li ma huwiex fl-interess pubbliku li l-Gvern jigi mgieghel ihallas ta' l-art esproprjata kumpens oghla minn dak li sidha stess minn rajh ikun talab ghaliha ghas-semplici raguni li z-zewg membri teknici jkunu ta' opinjoni – anke jekk opinjoni esperta – diversa minn sid l-art ghal dak li huwa l-prezz gust skond il-ligi. Ghalhekk ir-rekwizit ta' l-interess pubbliku huwa sodisfatt."

42. Għalkemm f'dik is-sentenza inżamm illi ir-rekwiżit tal-interess pubbliku kien ġie sodisfatt bl-emenda retroattiva, mhux l-istes fir-rigward tar-rekwizit referibbli għall-bilanċ bejn l-interess ġenerali u l-jedd tas-sid. Kompliet tgħid hekk il-Qorti Kostituzzjonali f'dik il-kawża fejn il-membri tekniċi kienu rrediġew ir-rapport tagħhom qabel saret l-emenda fil-liġi u fil-fatt il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-kawża ġiet differita għas-sentenza:

"**25.** Huwa veru li kienu l-istess intimati appellati li stabbilew il-kumpens li, fil-fehma taghhom, kien xieraq ghat-tehid ta' l-art taghhom, meta talbu il-kumpens ta' Lm375,000. Pero` tajjeb jew hazin, il-ligi kif kienet qabel l-emenda impunjata, kienet tippermetti lill-Bord li jiffissa kumpens oghla minn dak mitlub mis-sidien intimati, liema kumpens kien allura l-kumpens gust ossia xieraq skond il-ligi. L-intimati appellati kellhom proceduri pendenti quddiem il-Bord li kienu differiti ghas-sentenza qabel dahlet fis-sehh l-emenda in kwistjoni, u ghar-ragunijiet fuq spjegati, huma kellhom *a legitimate expectation* li Bord kien se jillikwida favur taghhom, il-kumpens kollu stabbilit mill-membri teknici tieghu. L-emenda in kwistjoni kellha effett retroattiv b'tali mod li harbtet kompletament dak il-bilanc gust li jrid jezisti bejn l-interess generali tas-socjeta` u l-ezigenza li jigu protetti d-drittijiet fondamentali tal-individwu, bilanc li huwa, tista' tghid, is-substrat ta' kwazi d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni Ewropea, u li certament huwa fondamentali fil-kuntest tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. F'dan is-sens, u dejjem tenut kont tal-fattispeci partikolari tal-kaz,

wiehed jista' jghid li l-appellati konjugi Calleja u Agnes Gera de Petri sofrew dak li l-Qorti Ewropea ssejjah *"an individual and excessive burden."* **S'intendi, is-sitwazzjoni kienet tkun kompletament differenti li kieku l-emenda in kwistjoni giet fis-sehh qabel ma l-membri teknici kienu lahqu rrelataw**."[6]

43. Fl-istess jum il-Qorti Kostituzzjonali kellha l-opportunità tippronunzja ruħha dwar sitwazzjoni fejn il-periti membri tal-Bord ħejjew ir-rapport tagħhom wara li daħlet fis-seħħ l-emenda tal-Att XVII tal-2004. Fis-sentenza tas-6 ta' Settembru, 2010 fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Pulizija vs. Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et** il-Qorti Kostituzzjonali ikkonsidrat:

**"28.** Mis-suespost, din il-Qorti tikkonkludi li:

1. La darba ir-relazzjoni tal-membri l-godda tal-Bord ma kienitx fl-atti qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda in kwistjoni, ma kien hemm l-ebda raguni li kienet ragonevolment tiggustifika lill-intimati jippretendu li l-ammont li kien se jigi likwidat bhala kumpens mill-Bord kien se jkun oghla mill-ammont li huma stess kienu talbu, dan aktar u aktar meta huma kellhom il-komfort tal-perit *ex parte* taghhom David Pace, li l-ammont minnhom mitlub ta' LM380,000, kien wiehed gust.

[...]

**29.** Konsegwentement qabel il-promulgazzjoni ta' l-emenda impunjata, l-intimati appellati ma kellhomx *a legitimate expectation* illi l-Bord kien se jillikwida l-kumpens ta' l-esproprju f'ammont oghla minn dak minnhom mitlub. Ghalhekk, l-intimati appellati ma kellhomx "possediment" fit-termini ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement dan l-Artikolu mhux applikabbli."

44. Fis-sentenza **Kummissarju tal-Artijiet illum Awtorità tal-Artijiet vs. Igino Trapani Galea Ferio pro et noe** tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fl-24 t'Ottubru 2019 għamlet referenza għal dak li ġie ritneut minnha fis-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2014, fil-kawża fl-ismijiet **Agent Kummissarju tal-Artijiet v. Vica Limited**:

[6] Enfasi miżjud ta' din il-Qorti.

"Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-kostituzzjonalita` ta' dan il-proviso, din il-Qorti tirrileva li dan il-punt gia` gie trattat u ma nstabx li l-emenda tivvjola xi dritt fundamentali ta' sid il-proprjeta`. Din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha moghtija fit-28 ta' Marzu 2014, fil-kawza **Neriku Confectionery Ltd v. Direttur tal-Artijiet**, fejn l-istess kwistjoni giet sollevata. Intqal hekk f'dik id-decizjoni:

> "L-istess socjeta` appellata tissottometti wkoll li l-applikazzjoni ta' dan il-proviso jwassal ghal ksur tad-dritt fundamentali taghha ghal kumpens xieraq. Din il-kwistjoni gia` giet dibattuta u deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et**, deciza fis-6 ta' Settembru 2010, fejn sottomissjoni simili giet michuda. Dik il-Qorti qalet hekk fil-kuntest ta' din il-kwistjoni:
>
> ***""39.** A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li hija mhux qed tghid li f'kaz ta' tehid ta' proprjeta` il-kumpens xieraq dovut huwa necessarjament f'kull kaz l-ammont shih li s-sid tal-art jitlob ghaliha. Dan ghaliex x'jikkostitwixxi kumpens xieraq f'kaz partikolari irid jigi stabbilit tenut kont tal-valur tas-suq tal-proprjeta` b'mod oggettiv, kif ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jistghu anki f'certi kazijiet jiggustifikaw kumpens inqas mill-valur oggettiv tas-suq1. Dak li qed tghid din il-Qorti huwa li ladarba fil-kaz odjern is-sidien intimati ddikjaraw il-kumpens li qed jippretendu ghat-tehid tal-art taghhom – u l-ligi ma timponi l-ebda limitu fuq l-ammont li setghu jitolbu – huma kienu qieghdin effettivament jiddikjaraw l-ammont li, fl-opinjoni taghhom, kien jikkostitwixxi kumpens xieraq ghall-esproprjazzjoni li soffrew. La darba huma – bl-applikazzjoni tal-emenda impunjata – se jircievu dak kollu li talbu, huwa kontrosens li jinghad li se jigi miksur id-dritt taghhom ghall-kumpens xieraq ghax mhux se jinghataw dak li ma talbux!"*

Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb, u tara li darba s-socjeta` se tircievi l-ammont shih ta' kumpens li hija talbet, ma tarax kif tista' tilmenta li se jigi

lez id-dritt taghha ghall-kumpens xieraq, meta se tinghata l-kumpens kollu li hija talbet."[7]

45. Lura għall-kawża odjerna.

46. Il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fil-kawża fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet vs. Perit Arkitett Joseph Barbara** (Rik 20/1965) innomina fil-11 t'April 2012 lill-Periti Alan Saliba u Elena Borg Costanzi. Fir-rapport minnhom imħejji datat 29 ta' Mejju 2012, il-Periti, wara li kkunsidraw il-lokalità, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 u wara li ddikjaraw li huma tal-opinjoni illi l-proprjetà tikkwalifika bħala art agrikola, irrelataw illi l-valur tal-proprjetà fit-2 t'April 1965 kien għaxart elef, seba' mija u sebgħin euro (€10,770).[8] In eskussjoni il-periti kkonfermaw li "l-valur li din l-art kienet iġġib kieku ġiet mibjugħa fis-suq volontarjament fit-02 ta' April 1965 kien ta' €10,770 meħud in konsiderazzjoni kwalunkwe użu ieħor li seta' jsir minn din l-art fil-futur, inkluż il-possibilità ta' żvilupp edilzju."[9] Fl-istess risposti, il-Periti spjegaw li huma tal-fehma li l-valur ta' €62,362.38 stmat mill-Perit Karm Farrugia (il-Perit inkarigat ex parte mir-rikorrenti fil-proċeduri quddiem il-Bord) huwa kumpens eċċessiv għas-sena 1965.

47. Għalkemm il-Bord illikwida l-kumpens fis-somma ta' €2,620.54, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) ma qablitx għar-raġunijiet segwenti:

"Inoltre lil hinn mill-fatt dwar jekk kienx obbligatorju jew le li sid ta' l-art esproprjata jiddikjara x'kien il-kumpens li kien qieghed jippretendi qabel dahlu fis-sehh l-emendi fis-sena 2004 ghall-Kap.88, jibqa' l-fatt li l-awtur tal-intimati appellanti, il-Perit Joseph Barbara, indika ezattament x'kienet il-pretensjoni tieghu bhala kumpens gust ghall-art li ttehditlu (kumpens ekwivalenti ghal cens perpetwu ta' disa' xelini u nofs ghal kull qasba kwadra). Fejn izda zbalja l-bord kien meta qies li l-kumpens mitlub mis-sid - disa´ xelini u sitt soldi kull qasba kwadra, ekwivalenti ghal elfejn sitt mija u ghoxrin euro u erbgha u hamsin centezmu (€2,620,54) ghall-art kollha -

[7] Ara wkoll **Dunbar Realty Ltd vs. Kummissarju tal-Artijiet** deċiża mill-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet fit-30 ta' Novembru 2022 (mhux appellata); **Kummissarju tal-Artijiet vs. Vanna Arrigo et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-9 ta' Lulju 2020; **Kummissarju tal-Artijiet vs. Salvatore Bezzina et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-8 t'Ottubru 2020 u diversi oħrajn.

[8] Fol 198 et seq tal-proċess allegat.

[9] Fol 207 tal-proċess allegat.

kien il-valur kapitali, meta l-kumpens li talab is-sid kien ta' 9/6 kull qasba kwadra bhala cens annwu, li meta kapitalizzat jeccedi l-istma ta' ghaxart elef, seba' mija u sebgha u sebghin euro (€10,770) maghmula mill-membri teknici tal-bord.

Huwa minnu li l-Bord kien korrett meta ghamel referenza ghall-Artikolu 25(1) tal-Kap. 88, li jipprovdi b'mod car li l-kumpens determinat mill-Bord m'ghandux jeccedi dak mitlub minn parti fil-kawza. [...]

Billi izda ma hemmx l-ostakolu li dak likwidat mill-periti tal-bord jeccedi dak mitlub mis-sid, il-bord kellu jillikwida l-kumpens hekk kif stmat mill-membri teknici. F'dan is-sens ghandu jintlaqa' l-appell.

Il-qorti ghalhekk tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fejn illikwidat il-kumpens fis-somma ta' €2,620.54 u, minflok, tillikwida kumpens fis-somma ta' €10,770. Tikkonferma s-sentenza fil-bqija u tikkonferma wkoll id-decizjoni tat-3 ta' Marzu 2011"

48. Fil-każ odjern il-massimu mitlub minn missierhom kien ta' €52,410.80[10]. Il-Periti nominati mill-Bord kienu tal-opinjoni li l-valur tal-art inkluż kwalunkwe użu ieħor li seta' jsir minn din l-art fil-futur, inkluż il-possibilità ta' żvilupp edilizju kien ta' €10,770. Għalhekk huwa aktar milli evidenti illi l-emenda bl-Att XVII tal-2004 ma kelliex l-effett li qed jallegaw ir-rikorrenti. Artikolu tal-liġi li ma kienx applikabbli għall-każ tar-rikorrenti ma jistax jiġi kkunsidrat li illedilhom il-jeddijiet fundamentali tagħhom. Il-Qorti għalhekk ma tistax issib li kien hemm leżjoni tal-jeddijiet tar-rikorrenti bl-emenda b'effett retroattiv għall-Kap. 88 introdotta bl-Att XVII tal-2004.

49. Dan ġie rikonoxxut mill-istess rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom meta ssottomettew illi: "Minn dan kollu jirrizulta car li, similment ghall-kaz ta' Deguara Caruana Gatto, il-limitazzjoni ma tidhirx li kienet dik posta mill-art.25 u l-effett retrospettiv tieghu imma proprju rizultat tad-dewmien esagerat fl-ipprocessar tal-kumpens...."

50. Kif rajna l-ammont tal-kumpens li kien ġie propost mill-Perit Barbara issupera l-ammont li eventwalment ġie likwidat mill-periti membri tal-Bord. Dwar dan

[10] €2,620.54 x 20 (kapitalizzazzjoni taċ-ċens).

kienet anke kkummentat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2019 fl-ismijiet "Avukat Edgar Mizzi et v. Perit Joseph Barbara et." fejn ingħad illi: "Billi iżda ma hemmx l-ostakolu li dak likwidat mill-periti tal-bord jeccedi dak mitlub mis-sid, il-bord kellu jillikwida l-kumpens hekk kif stmat mill-membri tekniċi...." Jirriżulta għalhekk li l-emenda bl-Att XVII tal-2004 ma laqtet bl-ebda mod il-jeddijiet tar-rikorrenti u ma setgħat bl-ebda mod tinċidi fuq xi aspettativa leġittima tagħhom.

51. In konklużżjoni fuq dan l-aspett tal-vertenza, il-Qorti hi tal-fehma illi sabiex rikorrent ikun jista' jilmenta mill-proviso tal-Artikolu 25 tal-Kap. 88 huwa meħtieġ li qabel xejn juri illi dak il-proviso huwa għalih applikabbli u li bl-effett retroattiv tiegħu laqat negattivament aspettativa leġittimu tiegħu. Xejn minn dan ma irriżulta fil-kawża odjerna u għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi illi Artikolu 37 invokat mir-rikorrenti fir-rigward tal-Kap. 88 ma hux applikabbli għaliex id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 li bis-saħħa tagħhom ġiet esproprjata l-art tar-rikorrenti u eventwalment tħallas il-kumpens huma salvagwardjati bl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni.

52. **Għalhekk il-Qorti qed (i) tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, (ii) tiċħad it-talba tar-rikorrenti safejn imsejsa fuq l-emenda għall-Kap 88 bl-Att XVII tal-2004, (iii) tiddikjara illi Kap. 88 fiż-żmien rilevanti kien salvagwardjat b'Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, (iv) tiċħad it-talba tar-rikorrenti safejn imsejsa fuq Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.**

**Allegat Leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

53. L-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni** jipprovdi li

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

54. Fir-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea hi fis-sens li:

> *"Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among other authorities, James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, § 61, Series A no. 52; see also Broniowski v. Poland [GC], no. 31443/96, § 134, ECHR 2004-V). Hutten-Czapska v Poland)."*[11]

55. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti jilmentaw li l-Gvern tramite l-Kummissarju tal-Artijiet ħa f'idejh art tagħhom u bena fuqha meta ma kentix għadha saret tiegħu. Apparti li din is-sottomissjoni hija kontestata mill-Awtorita' tal-Artijiet fin-nota tagħha, ma jirriżultax li dan l-ilment tressaq fir-rikors promotur. L-ilment tar-rikorrenti taħt il-kappa tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kif jemerġi mir-rikors promotur huwa li huma sofrew preġudizzju għaliex ma rċevewx kumpens ġust. Ikomplu jżidu li dan seħħ ukoll minħabba l-emendi b'effett retrotattiv; li diġa ġew trattati aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Għalhekk il-Qorti ma tistax tqis ilment li jitfaċċa fin-nota ta' sottomissjonijiet u mhux fir-rikors promotur.

56. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex titratta l-ilment tar-rikorrenti li l-jedd fundamentali tagħhom taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ġie leż peress (i) li ma rċevewx kumpens ġust kif ukoll (ii) peress

[11] Appl. Nru. 35015/97 deciza fid-19 ta' Ġunju 2006.

li l-kumpens fi kwalunkwe każ irċevewh aktar minn ħamsin sena wara li l-art ittieħditilhom. Nibdew bit-talba attriċi referibbli għall-allegat kumpens mhux ġust.

57. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti jgħidu wkoll li l-Gvern kien ħa pussess tal-art u żviluppaha bħala parti mill-proġett tal-bini tal-Universita' ta' Malta snin twal qabel ha l-azzjoni sabiex l-esponent jiġi kkumpenzat. Din l-allegazzjoni la ssib fondament fil-provi mressqa u wisq anqas hija waħda mill-ilmenti mressqa fir-rikors promotur.

58. Dwar l-ilment li ma ingħatawx kumpens ġust tajjeb jiġi qabel xejn puntwalizzat li din il-Qorti m'hijiex sejra tidħol fil-mertu tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord u mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fejn ġie deċiż illi l-art kellha tiġi kkunsidrata bħala raba' filwaqt li għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-potenzjal ta' żvilupp edilizju. Il-funzjoni ta' din il-Qorti hi limitata sabiex tinvesti l-ilment tar-rikorrenti illi jgħidu li ttieditilhom l-art mingħajr ma ingħataw kumpens ġust fit-termini tal-Konvenzjoni u li l-kumpens eventalment ingħatalhom għexieren ta' snin wara.

59. Mod ieħor, din il-Qorti m'għandhiex titqies bħala Qorti tat-Tielet Istanza. Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Mark Lombardo et vs. Kunsill Lokali Fgura et** tat-8 ta' Jannar 2010:

> "Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandhiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara' din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b' mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti."

60. Ir-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti sabiex interferenza mill-Istat tkun waħda li ma tiksirx id-dritt protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea huma tlieta:

a) Il-miżura meħuda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;
b) L-iskop tal-miżura jkun wieħed għal għan leġittimu; u

c) Il-miżura meħuda żammet bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien. [12]

61. Il-Konvenzjoni trid illi l-miżura li tinterferixxi fuq id-dritt tal-individwu tkun proporzjonata u li ma titfax fuq l-individwu piż eċċessiv u sproporzjonat. Ma hemmx dubju li bit-teħid tal-art mill-Gvern ir-rikorrenti u l-ante-kawża tagħhom ġew imcaħħda mill-possediment tal-art tagħhom. Din iċ-ċaħda iżda għandha tiġi mistħarrġa fid-dawl tat-tlett rekwiżiti hawn fuq indikati.

62. Fir-rigward l-ewwel rekwiżit ma hemmx kontroversja. It-teħid tal-pussess u użu tal-possedimenti tar-rikorrenti saru mill-Kummissarju tal-Artijiet in forza tal-ligijiet *in vigore* dak iż-żmien u ċioe l-Kapitolu 88.

63. Dwar it-tieni rekwiżit, l-għan leġittimu, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ingħad mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' **James v. Ir-Renju Unit** (21 ta' Frar 1985) fejn ġie spjegat:

> *"46. Because of their direct knowledge of their society and its needs the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is "in the public interest". Under the system of protection established by the Convention, it is thus for the national authorities to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken (see, mutatis mutandis, the Handyside judgment of 7 December 1976,Series A no. 24, p. 22, para. 48). Here, as in other fields to which the safeguards of the Convention extend, the national authorities accordingly enjoy a certain margin of appreciation. Furthermore, the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, as the Commission noted, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues on which opinions within a democratic society may reasonably differ widely. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest"*

[12] Ara **Beyeler v. Italy** (Appl Nru 33202/96) deċiża mill-QEDB fil-5 ta' Jannar, 2000; **Alisic and Others v. Bonsnia and Herzegovina** (Appl Nru 60642/08) deċiża mill-QEDB fis-16 ta' Lulju 2014.

*unless that judgment be manifestly without reasonable foundation. In other words, although the Court cannot substitute its own assessment for that of the national authorities, it is bound to review the contested measures under Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1) and, in so doing, to make an inquiry into the facts with reference to which the national authorities acted."*[13]

64. Bil-kliem 'skop pubbliku' l-liġi tifhem kull għan li jkollu x'jaqsam mal-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le) . Il-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettività b'kuntrast mal-interess tal-individwi.

65. L-interess ġenerali jrid jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun definittivament għaddiet f'idejn l-Istat bil-konklużjoni tal-proċeduri ta' esproprjazzjoni. Fil-każ odjern l-interess pubbliku kien wieħed ċar u preċiż – dik l-art, flimkien ma' meded art oħrajn fil-madwar – ittieħdet biex hemmhekk tinbena l-Università ta' Malta. M'hemmx dubju li dak il-proġett kellu għan pubbliku magħmul fl-interess ġenerali li jagħti lill-pajjiż post fejn l-ogħla istituzzjoni edukattiva ta' Malta setgħet tinbena minflok dik li kien hemm fil-Belt Valletta u li kienet ċkienet wisq għall-ħtiġijiet ta' dak iż-żmien.

66. Jonqos issa li jiġi mistħarreġ it-tielet u l-aħħar rekwiżit – il-ħtieġa ta' bilanċ ġust u proporzjonat. Il-Qorti Ewropea, fis-sentenza **Romeva v. North Macedonia** (Appl. Nru. 32141/10) mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, irriaffermat illi:

*"57. Article 1 of Protocol No. 1 also requires that any interference be reasonably proportionate to the aim pursued. Consequently, any interference must achieve a "fair balance" between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The requisite fair balance will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see, among others authorities, Béláné Nagy, cited above, § 115, and Iwaszkiewicz v. Poland, no. 30614/06, § 44, 26 July 2011).*

[13] Ara wkoll **Gauci and others v. Malta** (Appl. Nru 57752/16) mogħtija fit-8 t'Ottubru 2019.

*[…]*

*59. The requisite "fair balance" will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see, for example, Sporrong and Lönnroth v. Sweden, 23 September 1982, §§ 69-74, Series A no. 52, and Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 78, ECHR 1999-VII)."*

67. Fis-sentenza **Galea and others v. Malta** (Appl. Nru 68980/13) mogħtija fit-13 ta' Frar 2018, il-Qorti Ewropea qieset illi:

*"41. An interference with the peaceful enjoyment of possessions must strike a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol No. 1 as a whole, including therefore the second sentence, which is to be read in the light of the general principle enunciated in the first sentence. In particular, the must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions (see Former King of Greece and Others v. Greece [GC], no. 25701/94, § 89, ECHR 2000-XII).*

*42. Compensation terms under the relevant legislation are material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate burden on the individuals."*

Kumpens Ġust

68. Il-liġi fiż-żmien meta nbdew il-proċeduri istitwiti mill-ante causa tar-rikorrenti quddiem il-Bord kienet fis-sens li l-kumpens dovut lilhom kellu jkun dak li jirrappreżenta l-valur tal-art fuq is-suq fid-data tan-notifika tal-avviż għal ftehim, u dan kif jiġi stabbilit mill-istess Bord u l-periti membri tal-Bord. Sabiex juru li ma rċevewx kumpens ġust ir-rikorrenti ippreżentaw rapport tal-Perit Michael Anastasi[14] fejn huwa ħejja żewġ tabelli waħda bbażata fuq il-

[14] Fol. 149 et seq.

*Proprerty Price Index* tal-Bank Ċentrali li skond il-Perit Anastasi il-valur tal-art agrikola inkwistjoni fis-sena 1965 kien ta' €16,996.15 filwaqt li ta valutazzjoni tal-art skond *market analysis* fis-somma ta' €8,464.04. Il-Perit Michael Anastasi in kontro-eżami spjega li l-valuri li l-Bank Ċentrali għandhom fil-pussess tagħhom huwa l-valur skont kif reklamat u mhux il-valur ta' kemm vera ġew mibjugħa l-artijiet. L-imsemmi Perit spjega wkoll li l-valur tal-art għas-sena 1965 wasal għalihom b'formola matematika u dan anke għaliex l-informazzjoni mill-Bank Ċentrali ma kinitx tmur daqsekk lura.

69. Rilevanti jiġi kkunsidrat illi fis-sena 1959 il-Perit Joseph Barbara kien xtara l-istess art għas-somma ta' elf u ħamsin lira sterlina (£1,050). Meta l-munita ġiet konvertita għal-Lira Maltija ir-rata tal-kambju kienet £1 = Lm1 ifisser allura l-valur tal-art kienet ta' Lm1,050, ekwivalenti għal elfejn, erba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€2,445.84).

70. Il-liġi impunjata kienet tipprovdi kumpens bil-ħlas tal-valur tal-proprjeta' esproprjata fiż-żmien li ġiet esproprjata. Dak li seħħ fil-proċeduri quddiem il-Bord u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell. Għalhekk il-Qorti ssib illi l-applikazzjoni tal-liġi impunjata fil-każ odjern fis-sens li r-rikorrenti jingħataw il-valur tal-art marbut maż-żmien meta ġiet esproprjata huwa l-bilanċ li Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jipprovdi dwaru. Għalhekk f'dan ir-rigward ma ssibx leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dan naturalment irrispettivament mill-ilment tad-dewmien fil-ħlas tal-kumpens li kif ser naraw huwa ġustifikat.

Dewmien fil-Ħlas tal-Kumpens.

71. Fil-każ odjern parti mill-art ġiet esprorjata fl-1965 u r-rikorrenti ingħataw kumpens – wara proċeduri ġudizzjarji – fis-sena 2021, 'il fuq minn ħamsin sena wara. Il-qrati tagħna ripetutament affermaw il-prinċipju li, filwaqt li l-Gvern għandu l-poter li jesproprja proprjetà fl-interess pubbliku, fl-istess ħin għandu obbligu li jħallas kumpens ġust u xieraq għall-proprjetà esproprjata, u jara li jikkonkludi l-proċess ta' trasferiment u ħlas <u>fi żmien raġonevoli. </u>Iż-żmien irid ikun raġonevolment qasir biex jinżamm bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet taċ-ċittadin privat li tkun itteħditlu l-proprjetà.

72. M'hemm l-ebda ombra ta' dubju li d-dewmien esaġerat u irraġonevoli sabiex ir-rikorrenti ingħataw kumpens ta' art li ġiet esproprjata u allura imċaħħda

minnha, jagħti lok għal ksur tad-dritt tar-rikorrenti sanċit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ċertament li l-bilanċ bejn l-interess tar-rikorrenti u dak tas-soċjetà in ġenerali ma nżammx. Ġie spjegat ferm tajjeb fis-sentenza fuq ċitata **Galea and others v. Malta** li "*apart from the adequacy or not of the offer (also in the light of the delay in payment and the extent of the public interest involved) the above delay in the payment of compensation as a result of which the applicants are still without any compensation five decades after the taking, falls foul of the requirements of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention*."

73. L-Awtorità intimata tisħaq li d-dewmien ma kienx tort tagħha imma tort tat-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri ġudizzjari sabiex ġew konklużi u li qabel ma ġew hekk konklużi hija ma setghatx tħallas il-kumpens. Tgħid ukoll illi fi kwalunkwe każ hemm jagħmel tajjeb għalih Artikolu 12 (3) tal-Kapitolu 88 li jimponi imgħax sempliċi bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) mid-data tat-teħid tal-pussess tal-art mill-awtorità kompetenti sat-trasferiment tat-titolu b'xiri assolut lill-Gvern ta' Malta. Għalhekk targumenta illi l-liġi tipprovdi mekkaniżmu biex jagħmel tajjeb għal dawk il-każijiet fejn l-esproprijazzjoni ddum sabiex tiġi finalizzata. Tqis l-Awtorita' intimata illi l-imgħax qed iżżomm bilanċ proporzjonat kif titlob il-Konvenzjoni.

74. Dwar jekk l-Awtorita' għandix twieġeb għad-dewmien sabiex tħallas il-kumpens, tajjeb jiġi rilevat illi filwaqt li lura fis-sena 1961 il-Kummissarju tal-Artijiet kien offra 740 liri sterlini, offerta li ma ġietx aċċettata mill-Perit Barbara, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet illi il-valur tal-art dak iż-żmien kien ta' €10,770. Ifisser illi l-Perit Barbara kellu raġun jikkontstea l-ammont offert mill-Kummissarju tal-Artijiet. Il-proċeduri ġudizzjarji kienu meħtieġa peress li irriżulta li l-Kummissarju tal-Artijiet offra ammont li ma kienx jirrifletti kumpens ġust. Għalhekk il-Qorti ma tqisx illi l-Awtorita' tal-Artijiet għandha tiġi eżonerata għal kollox.

75. Dwar id-dewmien sabiex tħallas il-kumpens il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet. F'kuntest fejn il-kumpens tħallas aktar minn ħamsin sena wara li l-art tkun ittieħdet għall-użu pubbliku, il-ħlas tal-imgħax bl-ebda mod ma jiġġustifika jew b'xi mod jinnewtralizza id-dewmien esaġerat. Rilevanti dak li ntqal mill-Qorti Ewropeja fil-każ **Schembri and others v. Malta** (Appl Nru 42583/06) deċiż fit-28 ta' Settembru 2010:

*"The Court notes that to this sum interest of 5% per annum will be added. However, while acknowledging that the setting of an interest rate came within the wide margin of appreciation which the Contracting States enjoy in deciding the terms and conditions on which compensation is to be paid following an expropriation (see Aka, § 47), the Court considers that the sum, including interest, to be awarded on transfer would not offset the failure to pay compensation to date and cannot be decisive in view of the length of all the proceedings already instituted by the applicants" (see, mutatis mutandis,* ***Guillemin vs France****, 21 February 1997, § 56, Reports 1997-1)."*[15]

76. Kif ġie ritenut ukoll fis-sentenza **Avukat Dr Rene Frendo Randon et vs. Il-Kummissarju tal-Art et tal-10 ta' Lulju 2009 mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali**:

"Il-fatt li l-Kummissarju appellant irid ihallas l-interessi ossia imghaxijiet ghal kull dewmien mhux sufficjenti biex jissodisfa n-ness ta' proporzjonalita, ghaliex mhux gust li sid ta' art jithalla fil-limbu u bil-frustrazzjoni ghal ghexieren ta' snin, meta huwa seta jinvesti huwa stess u bl-ahjar mod li jidhirlu huwa, il-kumpens li kien dovut lilu ghall-esproprjazzjoni."

77. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti hi tal-fehma illi mhux minnu li l-ħlas tal-imgħax waħdu joħloq il-bilanċ meħtieġ bejn l-interess ġenerali u l-jedd fundamentali tar-rikorrenti. Għaldaqstant tiddikjara illi b'riżultat tad-dewmien esagerat sabiex ir-rikorrenti tħallsu l-kumpens sofrew vjolazzjoni tal-jedd fundamentali tagħhom sanċit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Ikkunsidrat;

---

[15] Ara wkoll **B. Tagliaferro & Sons Limited and Coleiro Brothers Limited v. Malta** (Appl. Nru 75225/13) deċiża fil-11 ta' Settembru 2018: "*Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropriation lead to additional financial loss for the person whose land has been expropriated, putting him or her in a position of uncertainty (see Akkuş v. Turkey, 9 July 1997, § 29, Reports of Judgments and Decisions 1997-IV). The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose land has been expropriated are obliged to resort to such proceedings in order to obtain the compensation to which they are entitled (see Aka v. Turkey, 23 September 1998, § 49, Reports 1998 -VI).*"

**Allegat leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

78. Ir-rikorrenti jikkontendu li ġie leż il-jedd tagħhom għal smiegħ xieraq meta l-proċeduri ġudizzjarji ħadu 'l fuq minn ħamsin sena sabiex jiġu konklużi.

79. Josephine Azzopardi permezz t'affidavit fejn attribwit id-dewmien ghas-segwenti raġunijiet:

> "fost ir-ragunijiet ghad-dewmien hemm illi ghal darbtejn il-Bord ghazel li jiddifferixxi l-kawza *sine die* u dana l-ewwel darba kif jirrizulta minn verbal datat 15 ta' Dicembru 1965 in vista ta' kawza ohra fl-ismijiet Edgar MIzzi noe v. Francesco Aquilina. Il-kawza kienet giet ri-appuntata minn missieri fit-3 ta' Frar 1975 [...] il-kawza regghet giet differita *sine die* fis-6 t'Ottubru 1965 [?] peress li missieri qajjem il-punt dwar in-natura tal-art u l-Bord deherlu li ma setghax jiddetermina dan il-punt hu. Ghalhekk missieri kellu jressaq kawza ohra bir-rikors numru 1080/1975 sabiex jigi deciz il-punt. Din il-kawza giet deciza biss fil-15 ta' Jannar 2007. Mill-atti tal-kawza 20/1965 ma jirrizultax x'kien qed jigri fil-frattemp ghaliex gara li l-process intilef u fil-fatt kellu jigi rikostruwit [...] Jirrizulta wkoll li minkejja dan id-dewmien kollu mhux biss il-process baqa' qatt ma nstab imma kien hemm sahanistra problema amministrattiva – nutata fil-verbal tat-22 ta' Mejju 2008 fejn sahansitra il-kawza inghata numru gdid daqslikieku kienet wahda gdida (38/2007 u mhux aktar 20/1965). Minkejja dan id-dewmien kollu hemm diversi verbali anke wara din id-data fejn il-kawza giet differita minghajr ma naghat raguni jew peress li l-Bord kien jehtieg aktar zmien sabiex jaghti provvediment [..] fuq talba semplici ta' missieri li l-avviz tal-ftehim kellu jigi irtirat wara s-sentenza imsemmija tal-15 ta' Jannar 2007. Ovvjament kellna wkoll stennija ta' bejn erba' snin bejn is-sentenza u d-decizjoni tal-Onor. Qorti tal-Appell.

80. **Artikolu 6 Konvenzjonali u / jew tal-Artikolu 39 Kostituzzjonali** rispettivament jipprovdi s-segwenti:

> "**6.** (1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. [...]"

"**39.** (2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."

81. L-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb ***Law of the European Convention on Human Rights*** (r-raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw li:

*"The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings…against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A )1989); 12 EHRR 74 para 58]."*[16]

Ikompli jingħad li

*"The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]."*[17]

82. Dan it-tagħlim ġie adottat mill-Qrati Maltin fosthom fis-sentenza **David Marinelli vs. Avukat Generali** mogħtija fit-3 ta' Lulju 2008, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) irriteniet illi:

---

[16] Paġna 440 tal-ktieb.

[17] Paġni 440 - 441 tal-ktieb.

> "B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u 3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess".

Ma' dawn il-kriterji, il-Qrati tagħna ġieli qiesu l-fattur ta' 'l-importanza tal-każ għall-attur' bħala r-raba' kriterju fejn fost dawn is-sentenzi insibu l-kawża fl-ismijiet **Anthony Mario Vella vs. Reġistratu tal-Qrati et** (Rik Kost 7/2016) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fis-16 ta' Settembru 2021.

83. It-test ta' żmien raġonevoli ma jidentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri ċivili għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina x'inhu raġonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kinux raġonevoli o meno.

84. Fis-sentenza **Anton Camilleri vs. Avukat Ġenerali** (Rik. Kost. nru. 71/2010) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar 2016 ikkunsidrat illi:

> "Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu."

85. B'mod ġenerali il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) sabet ksur taż-żmien raġonevoli sanċit fl-Artikolu 6 meta ħadet in konsiderazzjoni is-segwenti:

    i. It-tul tal-proċedimenti, meqjus fih innifsu u b'mod ġenerali, speċjalment jekk il-Gvern intimat ma pprovda l-ebda spjegazzjoni (**Obermeier v. Austria** §72; **Periscope v. France** §44; **Messina v. Italy**

§28; **Darnell v. the United Kingdom** §21; **Allenet de Ribemont v. France** §57);

ii. L-istat konċernat jirrikonoxxi li huwa fit-tort (**Darnell v. the United Kingdom** §20);

iii. Eżitu tal-proċedimenti, għall-inqas fil-każ ta' *out-of-court settlement* (**Cormio v. Italy** §§16-17);

iv. Il-proporzjon tat-tul kollu tal-proċedimenti tal-każ man-numru tal-istanzi tal-qrati li quddiemhom il-każ ġie mistħarreġ (**Cesarini v. Italy** §20 (tliet istanzi); **Salerno v. Ital**y §21 (tliet istanzi); **Abdoella v. the Netherlands** §22 (ħames istanzi); **Olsson v. Sweden** (No. 2) §§105 and 106 (tliet istanzi); **Raimondo v. Italy** §44 (żewġ istanzi) **Vendittelli v. Italy** §29; **Hokkanen v. Finland** §72 (tliet istanzi);

v. Dewmien riżultanti minn difetti proċedurali minkejja li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu baqgħu attivi matul il-proċeduri kollha (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania** [GC], § 213);

vi. Ġie wkoll stabbilit bħala mhux aċċettabli proċeduri milquta b'perjodi twal ta' staġnar bla ma tiġi mogħtija ebda spjegazzjoni (**Beaumartin v. France** § 33).

86. L-ewwel fattur li għandu jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti huwa jekk il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili kinux kumplessi. Każ jista' jkun kumplikat għal diversi raġunijiet fosthom volumi t'evidenza, in-numru ta' persuni involuti fil-proċeduri, in-numru ta' xhieda li jridu jixhdu, konnessjoni ma' proċeduri ċivili oħra, il-ħtieġa li tinkiseb evidenza minn barra minn Malta kif ukoll il-kumplessità ta' punti legali. L-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb tagħhom surreferit qalu hekk dwar il-punt ta' kumplessità ta' proċedura:

> *"As to the first of the three factors listed above, a case may be complex for many reasons, such as the volume of evidence, the number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad, or the complexity of the legal issues involved. Although the Court takes into account a case's complexity, there may come a point where it will simply regard the proceedings as too long to be reasonable [See **De Clerck v Belgium** hudoc (2007) para 57 (nearly 17 years and still pending; money laundering and fraud)]."*[18]

[18] Paġna 442 tal-ktieb.

87. L-ebda parti fil-proċeduri odjerna ma ssottometta li l-proċeduri ċivili kienu kumplessi. Fil-fatt l-anqas din il-Qorti ma tara li l-proċeduri ċivili kellhom xi element ta' kumplessità. In-natura tal-kawża ċivili ma kinitx l-ewwel waħda tax-xorta tagħha li ġiet trattata.

88. L-abilità tal-imħallef li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali tiegħu, iżda, tiddependi wkoll fuq l-involviment tal-partijiet fil-kawża. Dan ġie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali** deċiża fil-15 ta' Diċembru 2015:

> "Il-Qorti kompliet tishaq illi huwa minnu li hu dmir tal-Qorti li tara li l-kawzi ma jdumux aktar min-necessarju, izda huwa daqstant l-obbligu tal-partijiet, inkluzi tal-periti gudizzjari, li jaghtu l-informazzjoni preciza lill-Qorti dwar dak li kien qed isir fis-seduti peritali, u jekk kienx qed jigi registrat progress. Dan japplika b'aktar qawwa fil-kazijiet bhal dawk de quo fejn jirrizulta li l-imhallfin inbiddlu bosta drabi. F'dan il-kaz l-oneru tal-partijiet li dawn jinformaw lill-Qorti, allura preseduta minn Imhallef gdid, dwar l-andament tal-kawza jassumi aktar importanza."

89. L-awturi **Jacobs, White and Ovey** fil-ktieb tagħhom **The European Convention on Humand Rights** (s-seba' edizzjoni (2017)) spejgaw illi:

> "*In civil cases [...] The State can be held responsible only for delays which are attributable to it; if the parties to the litigation [...] have caused or contributed to the delay, those periods of time are not taken into account.*"

90. Eżempji li jikkonċernaw il-kondotta tal-parti li qiegħda tilmenta jinkludu:
    i. nuqqas ta' ħeġġa mill-partijiet biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. Dan in-nuqqas ġie meqjus bħala kontributur deċiżiv għad-dewmien fil-proċeduri (**Vernillo v. France** § 34);
    ii. bidliet frekwenti u ripetuti tal-avukat difensur (**König v. Germany** §103);
    iii. talbiet jew omissjonijiet li jħallu impatt fuq it-tmexxija tal-proċeduri (**Acquaviva v. France** § 61);
    iv. nuqqas ta' diliġenza fil-passi proċedurali meħuda (**Keaney v. Ireland** § 95);

v. tentattivi biex tiġi żgurata transazzjoni tal-kawża barra l-Qorti (out-of-court settlement) (**Pizzetti v. Italy** § 18; **Laino v. Italy** [GC] § 22);

vi. proċeduri istitwiti erronjament quddiem qorti nieqsa mill-ġurisdizzjoni (**Beaumartin v. France** § 33);

vii. litigazzjoni kontenzjuża esternata bil-preżentata ta' għadd konsiderevoli ta' rikorsi bi pretensjonijiet addizzjonali (**Pereira da Silva v. Portugal** §§ 76-79).

91. Il-proċedura bin-numru 20/1965 għal xi żmien waqfet tistenna l-eżitu tal-kawża bir-rikors ġuramentat numru 1080/1975. Għalkemm il-Qorti għandha quddiemha l-proċess bin-numru 20/1965, hija tinsab sprovvista mill-proċess bin-numru 1080/1975. Għaldaqstant f'dak ir-rigward il-Qorti ma tistax tara x'kien l-atteġġjament tal-partijiet f'dawk il-proċeduri. Il-Qorti però indagat fuq is-sistema diġitali ecourts. Bis-saħħa ta' din is-sistema hija kisbet aċċess għal verbali limitatament għal dawk redatti mill-Qorti tal-Appell mis-sena 2006 'il quddiem kif ukoll l-iskop tad-differimenti mis-sena 1992 'il quddiem. Minn din l-informazzjoni jirriżulta illi fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 1992 il-kawża kienet ġiet differita għas-sentenza għall-11 ta' Mejju, 1992, u baqgħet tiġi differita għas-sentenza diversi drabi sakemm finalment is-sentenza ingħatat fil-15 ta' Jannar, 2007, ħmistax-l sena wara. L-ebda nuqqas f'dan ir-rigward ma jista' jiġi imputat lill-partijiet f'dawk il-proċeduri.

92. Din il-Qorti tinnota mill-allegat proċess tal-kawża numru 20/1965 li kien hemm diversi differimenti u nuqqasijiet amministrattivi li ser jiġu msemmija taħt is-sezzjoni ta' wara din. Dan magħdud, il-Qorti però ma tistax tinjora l-fatt li mis-sena 2009, ir-rikorrenti (konvenuti f'dawk il-proċeduri) jew l-avukat tagħhom ta' dak iż-żmien talbu numru ta' differimenti:

| | |
|---|---|
| 18 ta' Mejju 2009 | Rikors tal-konvenuti f'dik il-kawża (rikorrenti fil-kawża odjerna) differiment sabiex jinġabru d-dokumenti kollha meħtieġa |
| 14 ta' Lulju 2009 | Rikors għat-trasfużjoni (missierhom għadda għal ħajja aħjar fil-5 t'April 2009). Talba milqugħa fil-11 t'Awwissu 2009 |
| 24 ta' Settembru 2009 | Rikors tal-konvenuti f'dik il-kawża sabiex il-Kummissarju tal-Artijiet jirtira l-Avviż għal Ftehim oriġinali u dan sabiex skonthom ikunu |

| | |
|---|---|
| | konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell bin-numru 1080/1975. |
| 9 t'Ottubru 2009 | Rikors mill-avukat tal-konvenuti f'dik il-kawża għal differiment għax kien ser ikun impenjat barra minn Malta. B'konsegwenza ta' dan ir-rikors is-smigħ tal-15 t'Ottubru ġiet differita |
| 14 ta' Jannar 2010 | Avukat tal-konvenuti f'dik il-kawża ma deherx. Differita għad-digriet tar-rikors tal-24 ta' Settembru 2009 |
| 18 ta' Marzu 2010 | Avukat tal-konvenuti f'dik il-kawża reġa' ma deherx. Differita għad-digriet b'xahar għan-nota ta' sottomissjonijiet |
| 13 ta' Mejju 2010 | Avukat tal-konvenuti f'dik il-kawża ma deherx. Differita għal provvediment |
| 27 ta' Mejju 2011 | Avukat tal-konvenuti f'dik il-kawża ma deherx |
| 17 ta' Mejju 2013 | Il-konvenuti f'dik il-kawża talbu aktar żmien biex jaraw ir-risposti għal mistoqsijiet in eskussjoni tal-Periti. Ir-risposti kienu ġew ippreżentati f'Novembru 2012 (6 xhur qabel!) |
| 22 ta' Mejju 2013 | Il-Bord awtorizzat jgħaddi għas-sentenza bil-fakultà tan-noti ta' sottomissjonijiet bi żmien 3 xhur lill-Kummissarju tal-Artijiet u 3 xhur lill-konvenuti f'dik il-kawża.<br>Nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Artijiet ġiet ippreżentata fis-6 ta' Settembru 2013.<br>Fis-6 ta' Diċembru 2013 il-konvenuti f'dik il-kawża talbu estensjoni tat-terminu għal preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet u dan għaliex "in-nota tar-Rikorrent ġiet ippreżentata tardivament, ċioe fis-[6] ta' Settembru 2013, l-esponenti għandhom bżonn aktar żmien biex iwieġbu."[19]<br>Digriet mogħti fid-9 ta' Diċembru 2013 fejn il-Bord innota li n-Nota ta' sottomissjonijiet ġiet notifikata lill-avukat tal-aħwa fid-9 ta' |

[19] Fol 216 tal-proċess allegat.

| | |
|---|---|
| | Settembru 2013. Il-bord iddegreta li din it-talba tal-aħwa kienet ser tikkawża aktar dewmien, kompla jingħad li<br>"jidher li d-defensur tal-intimati sfuġġilu għal kollox dan l-appuntament għaliex ċertament dewmien ta' ftit jiem ma kienx ser iħarbat l-aġenda tiegħu għal tlett xhur sħaħ b'mod li jkollu jippreżenta dan ir-rikors ħamest ijiem qabel id-data appuntata għal prolazzjoni tas-sentenza. Għalhekk kull dewmien ulterjuri għandu jirrifletti biss fuq l-intimat."[20] |

Dawn id-differimenti ma kinux l-unika raġuni għad-dewmien fil-proċeduri, iżda din il-Qorti tqis li ċertament li dawn ikkontribwixxew mhux ftit għad-dewmien.

93. Fil-kawża **John Bugeja vs. Avukat Ġenerali e**t (Rik Kost Nru 29/2002) deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Awwissu 2003 intqal:

> "17. Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqaghtet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa' l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x'aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f'xogholu. Dan ghaliex, fil-verita`, l-abilita` ta' dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno ta' l-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu numru kbir ta' kawzi "qodma" (*backlog*) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalita` u l-kumplessita` ta' l-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm

[20] Fol 216 a tergo.

ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.

18. Id-dritt fundamentali ta’ l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t’amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta’ l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f’pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.

19. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

“*…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision Salesi vs Italy (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994)* – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18).””

94. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-dewmien tal-proċeduri, il-perjodu rilevanti għandu jikkomprendi mhux biss il-bidu tal-proċeduri imma t-terminazzjoni tagħhom b’sentenza definittiva. Kif ġie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-każ ta’ **Konig v. Germany** (Appl Nru 6232/73) mogħtija fit-28 ta’ Ġunju 1978:

“98. [...] *As regards the period to which Article 6 (art. 6) is applicable, the Court has held that in criminal matters this period covers the whole of the proceedings in question, including appeal proceedings (above-mentioned Wemhoff judgment, pp. 26 and 27, paras. 18 and 20; above-mentioned Neumeister judgment, p. 41, para. 19; Delcourt judgment of 17 January 1970, Series A no. 11, pp. 13-15, paras. 25 and 26). The position - as, moreover, the Government concede - is no different in the case of disputes ("contestations") over civil rights and obligations for which Article 6 para. 1 (art. 6-1) likewise requires that there be - at first instance, on appeal or in cassation – a determination.*”

95. Ġie ritenut mill-Qorti Ewropew tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Kudla v. Poland** (Appl Nru 32010/96) mogħtija fis-26 t'Ottubru 2000 li:

> "122. *[...] Article 6 § 1 does not compel the States to set up courts of appeal or of cassation. Nevertheless, a State which does institute such courts is required to ensure that persons amenable to the law shall enjoy before them the fundamental guarantees contained in Article 6 (see, among other authorities, the Delcourt v. Belgium judgment of 17 January 1970, Series A no. 11 pp. 13-15, § 25, and the Brualla Gómez de la Torre v. Spain judgment of 19 December 1997, Reports 1997-VIII, p. 2956, § 37).*
>
> *While the manner in which Article 6 is to be applied in relation to courts of appeal or of cassation depends on the special features of the proceedings in question, there can be no doubt that appellate or cassation proceedings come within the scope of Article 6 (see, mutatis mutandis, the Twalib v. Greece judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, pp. 1427-28, § 46). Accordingly, the length of such proceedings should be taken into account in order to establish whether the overall length of the proceedings was reasonable.*"

96. Kif ġie ritenut sa reċenti mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Alexander Barbara v. Avukat Ġenerali et.** mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 2023:

> "30. Din il-Qorti tqis illi li proċess ġudizzjarju jitmexxa b'effiċjenza huwa essenzjali mhux biss għall-interess ta' parti jew oħra fil-kawża, (għalkemm forsi ma tkunx dejjem fl-interess tal-partijiet kollha), iżda hija essenzjali sabiex tinżamm fiduċja fil-Qrati tagħna u sabiex il-Qorti taġixxi bħala tarka kontra persuni li l-uniku interess tagħhom ikun li jabbużaw mill-Qrati a skapitu ta' terzi.
>
> 31. Dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tagħmel *hand-holding* tal-partijiet jew saħansitra d-difensuri tagħhom. Madanakollu l-Qorti għandha tiżgura li l-proċeduri quddiemha jimxu b'mod effiċjenti u dan meta wieħed jikkonsidra li fil-bilanċ ta' kollox hemm ir-*ripple-effect* li d-dewmien fil-kawżi jħalli fuq is-sistema ġudizzjarja kollha….."

97. Diversi kienu n-nuqqasijiet matul il-proċeduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet fil-kawża il-Kummissarju tal-Artijiet v. Perit Joseph Barbara (nru. 20/65) istitwita fis-sena 1965 u deċiża fil-11 ta' Diċembru, 2013. Kważi ħamsin sena wara. Il-Qorti tħoss illi sabiex tiddikjara illi ġie leż id-dritt għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli ma għandha bżonn tħares lejn xejn aktar, l-ebda kawża, irrispettivament kemm jista' jkun kumplikat il-mertu, ma għandha ddum kważi ħamsin sena sabiex tiġi konkluża. Fl-istess ħin xieraq li jsiru dawn il-konstatazzjonijiet.

98. L-ewwel smiegħ f'dik il-kawża inżamm sitt xhur wara li tressqet ir-risposta tal-konvenuti. F'dik l-ewwel seduta, il-kawża ġiet differita *sine die* sakemm tgħaddi in ġudikat is-sentenza mill-Prim'Awla fl-ismijiet Edgar Mizzi noe vs. Francesca Aquilina. Wara disgħa snin, il-Perit Joseph Barbara talab li tiġi riappuntantata.. Din it-talba ġiet milqugħa u r-rikors ġie appuntat għat-3 ta' Frar 1975. Dik is-seduta ġiet differita fuq ordni tal-Bord.

99. Fit-23 ta' Ġunju 1975, il-Perit Joseph Barbara għamel nota li l-Artikoli 16 u 17 tal-Kapitolu 136 (Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici) (sussegwentement Kapitolu 88) għandhom jinqraw mal-Artikolu 25 (1) (b) għal fissazzjoni tal-kumpens. Kien in segwietu għal din in-nota li l-kawża ġiet differita għat-tieni darba *sine die* u dan sabiex tiġi intavolata l-azzjoni appożita quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-Perit Barbara ressaq il-proċeduri appożiti li ġew deċiżi fit-12 ta' Diċembru 1989. Kif ġia senjalat supra din il-Qorti hija sprovista minn dan il-proċess u għalhekk ma tistax tiddetermina x'kien li kkawża dawn id-dewmien – 'il fuq minn 14-il sena sabiex tingħata sentenza mill-Prim'Awla. Din is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti bis-saħħa ta' ecourts sabet li smigħ tal-appell beda fi Frar 1991 u f'Mejju 1992 kellha tingħata s-sentenza. L-appell baqa' jiġi differit għas-sentenza kważi ħmistax-il sena, għajr għal xi seduti li fihom saret it-trattazzjoni orali stante bidla fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Appell.

100. Xahrejn wara li ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell, il-Perit Joseph Barbara talab lill-Bord jirriapunta r-rikors. Mir-rikors tal-15 ta' Ġunju 2007 jidher li l-proċess tal-Bord ma setax jinstab u talab li jiġi rikostruwiet. Sat-22 ta' Novembru 2007 u ċioe ħames xhur wara, il-proċess kien għadu mhux rikostruwiet. Kien biss fis-16 t'Ottubru 2008 li l-proċess ġie kostruwiet u dan wara li ġew traċċati l-atti oriġinali.

101. Nuqqas ieħor kien illi l-kawża kienet differiti diversi drabi sabiex ir-rikors fuq imsemmi tal-Perit Barbara tal-24 ta' Settembru, 2009 ġie dekretat fit-3 ta' Marzu, 2011 fejn ġiet miċħuda t-talba tiegħu sabiex ikun sostitwit l-Avviz għall-Ftehim.

102. Il-Bord ta s-sentenza finali fil-11 ta' Diċembru, 2013 liema sentenza ġiet appellata. L-appell ġie appuntat għall-10 ta' Jannar 2019 u s-sentenza ingħatat fit-28 ta' Ġunju, 2019.

103. **Għalhekk tqis, li t-trapass ta' aktar minn ħamsin sena sabiex ġew konklużi l-proċeduri ġudizzjarji ma jistgħux jitqiesu ħlief leżivi tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti sanċit bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.**

Ikkunsidrat;

**Rimedju**

104. Tenut kont li l-Qorti sabet leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, minħabba dewmien sabiex ingħataw kumpens, u kif ukoll sabet leżjoni tal-jedd tar-rikrrenti protett bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba li l-proċeduri ġudizzjarji ma ġewx konklużi fi żmien raġjonevoli, r-rikorrenti għandhom jedd għal danni non pekunjarji riżultat tal-leżjoni.

105. Ir-rikorrenti qed jitolbu wkoll danni pekunjarji. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jagħmlu l-argument illi dak pretiż mill-Perit Barbara kien l-ekwivalenti ta' €2,585.78 ċens li kapitalizzat bil-5% iwassal għas-somma ta' €51,715.[21] Tali sottomissjoni ma għandha l-ebda rilevanza għall-mertu tal-kawża odjerna.

106. Id-dewmien sabiex jitħallas kumpens għat-teħid tal-art ma ma jgħollix il-valur tal-art iżda jġib il-ħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi maħluqa b'dak id-dewmien. Kif rajna, sew il-liġi applikabbli kif ukoll il-proċeduri ġudizzjarji stabbilew il-valur tal-art fil-mument li ttieħdet mill-Istat fis-sena 1961. Dik il-konsiderazzjoni kienet u baqgħet applikabbli f'kull żmien ta' dan il-każ. Dak iż-żmien il-Kummissarju tal-Artijiet kien offra l-ekwivalenti ta' €1,723.74. Il-

[21] Fol. 321

periti tekniċi tal-Bord irrelataw li l-valur tal-art fis-sena 1961 kien l-ekwivalenti ta’ €10,770.00. Ifisser illi fis-snin sittin il-Kummissarju tal-Artijiet kien offra lill-Perit Barbara circa sittax fil-mija (16%) tal-valur tagħha.

107. Il-valur tal-art fis-sena 1961 ġie stmat mill-periti membri tal-Bord fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta’ Jannar, 2007 li ddeċidiet illi “anke jekk l-istess art tigi kwalifikata bhala “rural land” jew “waste land” xorta wahda l-kriterju ghall-fissazzjoni tal-kumpens hu dak stabbilit fl-Artikolu 25(1)(b) ta’ l-Ordinanza minghajr l-ebda limitazzjoni ghall-potenzjalita; ta’ b’mod li l-kumpens moghti jkun indenniz gust.”

108. B’sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta’ Ġunju, 2019 ġie deċiż illi l-valur tal-art fis-sena 1961 meta nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur kien l-ekwivalenti ta’ €10,770.00

109. In forza ta’ dik is-sentenza, fl-20 ta’ Mejju, 2021 ġie ppubblikat kuntratt ta’ kompro-vendita min-Nutar Dr Renee Debono li permezz tiegħu ir-rikorrenti biegħu lill-Awtorita’ tal-Artijiet għan-nom tal-Gvern ta’ Malta l-art in kwistjoni għall-prezz kif stabbilit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ammont ta’ €10,770.00 <u>bl-imgħax bil-5% fis-sena mill-4 ta’ Awissu, 1961 sad-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt</u>.

110. Huwa minnu li meta wieħed iħares lejn dawn l-ammonti mil-lenti tas-sena 2023 jidhru ammonti irriżorji meta komparat mal-valuri tal-proprjeta’ illum il-ġurnata. Kif rajna l-proċeduri ġudizzjarji kienu intiżi sabiex jistabbilixxu l-valur tal-art fis-sena 1961. Għalhekk filwaqt li <u>l-pretensjoni għad-danni pekunjarji ma hiex fondata, hija fondata l-pretensjoni għad-danni non-pekunjarji</u> minħabba ż-żmien esaġeratament twil sabiex tħallas il-kumpens kif ukoll minħabba ż-żmien esageratament twil sabiex ġew konklużi l-proċeduri ġudizzjarji.

111. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-Avukat tal-Istat jilqa’ għat-talbiet tar-rikorrenti billi jgħid illi l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti jista’ jiġi kkunsidrat biss mid-data ta’ meta saru sidien u mhux qabel.

112. Il-Qorti ma taqilx. Għalkemm ir-rikorrenti wirtu lill-ommhom fil-21 ta’ Ġunju, 2006 filwaqt li wirtu lil missierhom fil-5 ta’ April, 2009, ir-rikorrenti kienu wkoll partijiet fil-kawżi li d-dewmien tagħhom wassal għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u dan wara li l-atti ta’ dawk il-kawżi ġew trasfużi

f'isem ir-rikorrenti waqt li s-smiegħ tagħhom kien għadu għaddej. Lanqas għandu jkun li l-Istat jeħles mir-responsabbiltajiet tiegħu li jassigura determinazzjoni finali ta' vertenzi mressqa quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji fi żmien raġjonevoli għaliex il-partijiet oriġinali fil-kawża jmutu fil-mori tas-smiegħ tagħhom. Jekk xejn ir-responsabbilta' hija maġġuri mhux minuri kif qed jippretendi l-Avukat tal-Istat.

113. **Wara li qieset iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ b'mod partikolari, it-tul ta' żmien sabiex ġew deċiżi finalment il-proċeduri ġudizzjari fuq imsemmija bil-konsegwenza ta' żmien esageratament twil sabiex ir-rikorrenti irċevew il-kumpens għall-art li ttieħdet mill-Gvern, u l-kontribuzzjoni relattivament minuri tar-rikorrenti jew tal-ante kawza tagħhom għal dan id-dewmien, qed tillikwida d-danni non-pekunjarji dovuti mill-Avukat tal-Istat lir-rikorrenti fis-somma ta' tletin elf ewro (€30,000.00).**

114. Dwar il-kap tal-ispejjeż, tenut kont illi d-dewmien sabiex ir-rikorrenti tħallsu l-kumpens dovut għall-art esproprjata mill-Gvern kien primarjament dovut għad-dewmien sabiex ġew konklużi l-proċeduri ġudizzjarji, tqis illi l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-Istat Malti kif rappreżentat mill-Avukat tal-Istat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-intimati konformement ma' dak hawn fuq deċiż,

1. **Tilqa' parzjalment** l-ewwel talba, tiddikjara illi għaż-żmien li r-rikorrenti ġew imċaħħda mill-possedimenti tagħhom kif fuq spjegat mingħajr ma ingħataw kumpens, ġew miksura d-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; filwaqt li tiċħadha in kwantu msejsa fuq Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. **Tilqa'** t-tieni talba, tiddikjara li d-dewmien fil-proċeduri ġudizzjarji illeda d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

3. **Tilqa'** t-tielet talba meħud kont tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula u tillikwida d-danni non-pekunjarji dovuti mill-Avukat tal-Istat lir-rikorrenti fis-somma ta' tletin elf ewro (€30,000).

4. **Tikkundanna** lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti s-somma imsemmija ta' tletin elf ewro (€30,000) bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

**Bl-ispejjeż** kontra l-Avukat tal-Istat.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
21 ta' Novembru, 2023

**Deputat Reġistratur**